

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/183**tas-27 ta' Jannar 2017****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha, kemm parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid xi subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ ta' oġġetti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Stephen QUEST

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Oġġett (l-hekk imsejjaħ “tatami puzzle mat”) magħmul mill-EVA (aċetat tal-etilen-vinil) fil-forma ta’ madum tad-daqs ta’ 100 × 100 cm b’wiċċ li ma jiżloqx, tal-ħxuna ta’ madwar 3 cm. Il-madum għandhom sistema ta’ llokkjar bl-interkonnessjoni bbażata fuq il-prinċipju tal-puzzles, u dawn jitqiegħdu b’mod sod fuq wiċċ ieħor u b’hekk jiffurmaw tapit. L-oġġett huwa ddisinjat biex jassorbi x-xokkijiet iġġenerati waqt li jsiru diversi attivitajiet sportivi, (pereżempju, il-yoga, il-ġinnastika, jew l-arti marzjali) permezz tal-istruttura ċellolari tat-tapit biex jipproteġi l-ġisem. Il-“tatami puzzle mat” huwa ddisinjat ukoll bħala iżolatur tal-istorbju, tas-sħana u tal-umdità. Dan iservi għalhekk bħala protezzjoni kontra l-ħsara tal-wiċċ ta’ taħtu u bħala protezzjoni ta’ persuni li jwettqu diversi attivitajiet oħrajn, pereżempju, meta jintuża min-nurseries jew minn artisti. Ara l-istampa (*)	3918 90 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 3918 u 3918 90 00. Il-klassifikazzjoni bl-intestatura 9506 bħala oġġetti u tagħmir għall-eżerċizzju fiżiku ġenerali, għall-ġinnastika, għall-atletika, għal sports ieħor jew għal-logħob ta’ barra hija eskluża għaliex it-tapit mhux immuntat tal-plastik mhuwiex biss għall-isport iżda wkoll bħala protezzjoni tal-wiċċ u bħala protezzjoni ta’ persuni li jwettqu attivitajiet oħrajn. Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat skont il-materjal kostitwenti (il-plastik). Dan għandu għalhekk jiġi kklassifikat bħala kisi tal-art tal-plastik skont il-kodiċi NM 3918 90 00.

(*) L-istampa tintuża biss għal raġunijiet ta’ informazzjoni.

